# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

### IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

### LAQGĦA NUMRU 34

10 ta' Mejju 2021

L-erbgħa u tletin (34) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tnejn 10 ta' Mejju 2021 fil-5.00pm. Il-laqgħa nżammet b'mod virtwali minħabba r-restrizzjonijiet relatati mal-pandemija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH) | Sindku |
| Is-Sinjorina Gail Demanuele | ( GD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsillier |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Kunsillier |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

Malcolm Agius Aġent Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 34.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

34.1.1. Il-Kunsillier JAE informa li l-Kunsilliera JP kienet ser tattendi iktar tard minħabba raġunijiet ta' xogħol.

### 34.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

34.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tat-tnejn u tletin (32) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

34.2.2. Il-Kunsillier VB ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 32.9.3 fejn kien maqbul li l-kuruna titpoġġa quddiem il-monument tal-Granmastru Vilhena, iżda fil-fatt tpoġġew quddiem il-monument ta' Pietro paolo Floriani. Punt mill-istess materja 32.9.3 kien li 'l-Kunsill qabel li jikteb lill-għaqdiet lokali sabiex jinfurmahom b'din l-inizjattiva u joffri li min jixtieq jista' jippreżenta bukkett' u l-kunsillier VB irrimarka li l-istedina lill-għaqdiet ma saritx u għaldaqstant ma kien hemm ħadd. Kien iċċarat li din l-istedina lill-għaqdiet ma setgħetx issir minħabba r-restrizzjonijiet relatati mal-pandemija tal-Covid-19 fir-rigward tal-limitu ta' persuni li jistgħu jinġabru f'post pubbliku.

34.2.3. Il-Kunsillier VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Viċi Sindku GD favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (VB, GD, DSH, JAE)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

34.2.4. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tat-tlieta u tletin (33) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

34.2.5. Il-Kunsillier VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (VB, JAE, DSH, GD)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

34.2.6. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tal-laqgħa annwali ta' April 2021 laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

34.2.7. Il-Viċi Sindku GD ressqet mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (GD, JAE, DSH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

34.2.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 32.2.6 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. L-ASE wieġeb li sa dakinhar ma kienx għad hemm risposta formali iżda min-naħa tiegħu kien niżżel ir-rekwiżiti kollha sabiex ikun jista' jmexxi appena jingħata tweġiba.

34.2.9. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 32.2.7 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. L-ASE wieġeb li sa dakinhar ma kienx għad hemm tweġiba iżda matul il-laqgħa li nżammet mal-Pulizija, is-Surġent kien informah li kien ser jiġbed l-attenzjoni hu wkoll min-naħa tiegħu.

## 34.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

34.3.1. Is-Sindku DSH ressqet komunikazzjoni mingħand il-Floriana Ajax fejn informa li ser jerġa' jibda' joħroġ ċirkolari kull erba' xhur u offra lill-Kunsill prezz speċjali għal riklam. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel riklam fl-aħħar paġna bil-valur offrut ta' €50.

34.3.2. Is-Sindku DSH ressqet komunikazzjoni dwar l-iskema BM150 dwar skema ta' embellishment li d-data tal għeluq tas-sottomissjoni tagħha kienet nhar it-Tnejn 16 ta' Mejju 2021. Il-Kunsill qabel li l-korrispondenza għandha tiġi ċirkolata b'email.

34.3.3. Is-Sindku DSH ressqet komunikazzjoni mingħand Get Creative Events and Logistics fejn talbu permess biex jorganizzaw attività matul il-European Championship 2021 li tkun konformi mar-restrizzjonijiet tas-saħħa preżenti dakinhar.

34.3.3.1. Il-Kunsillier VB qal li l-Fosos kien spazju pubbliku u sa dakinhar kien għad hemm limitu ta' kemm-il persuna tista' tiltaqa' fi gruppi fil-pubbliku.

34.3.3.2. Is-Sindku qalet li hi kienet tippreferi li d-dħul jiġi riġenerat bil-bars tal-Floriana u ħasset li tali attività kienet ser toqtol ix-xogħol lill-bars u r-ristoranti tal-madwar.

34.3.3.3. Il-Viċi Sindku GD pproponiet li l-persuna tikkunsidra li taħdem bil-bars tal-Floriana sabiex jagħti kontribut lil-lokalità.

34.3.3.4. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat din it-talba bil-miktub sabiex ikun hemm l-involviment tal-bars tal-lokalità u l-Furjaniżi. Madankollu qabel li għandu jsemmi wkoll ir-restrizzjonijiet relatati mal-pandemija peress li din l-attività xorta hija kunsidrata attività tal-massa u għalhekk għandha tintalab il-clearance mis-Supretendent tas-Saħħa. Il-Kunsill qabel ukoll li jekk ikun hemm ftehim, l-approvazzjoni ser tingħata mingħajr preġudizzju u l-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta l-permess għall-attività.

34.3.4. Is-Sindku DSH ressqet komunikazzjoni dwar il-Wifi 4 EU fejn il-Kunsill ġie informat li kien rebaħ vouchers ta' €15000 biex isir tali proġett. Il-Kunsill ġie offrut żewġ alternattivi li jew joħroġ sejħa għall-rasu għal kuntrattur jew jingħaqad mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali f'sejħa kollettiva.

**Nota: 15:27 Il-Kunsilliera JP attendiet għal-laqgħa.**

34.3.4.1. Il-Kunsillier VB qal li l-Kunsill irid jidentifika wkoll l-indoor access points hekk kif indikat fil-korrispondenza. Is-Sindku qalet li dawn jiġu identifikati iktar tard biss l-ewwel il-Kunsill irid jiddeċiedi liem alternattiva ser jagħżel biex l-ewwel jingħażel il-kuntrattur.

34.3.4.2. Is-Sindku pproponiet l-Kunsill jidħol mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali ladarba kienet ser tingħata preferenza lil min jagħżel din l-ewwel alternattiva. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

34.3.5. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għas-CCTV cameras mitluba mill-Pulizija u qalet li kienu ntalbu kwotazzjonijiet.

34.3.5.1. Hija qalet li l-postijiet mixtieqa kienu postijiet li kienu strateġikament diffiċli kemm biex ikun hemm provvista tad-dawl kif ukoll biex jinżamm l-istorage neċessarju. Minħabba dan kienu ġew mitluba kwotazzjonijiet għall-kameras tas-sigurtà li jaħdmu b'sistema solari mingħajr ma jkun hemm bżonn ta' apparat ieħor installat.

34.3.5.2. Il-Kunsillier VB qal li l-Pulizija kienu lesti jgħinu lill-Kunsill fuq dawn id-diffikultajiet.

34.3.5.3. Is-Sindku qalet li l-apparat għall-kamera proposta fi Pjazza Robert Samut seta' jinżamm għand il-Floriana Health Centre u pproponiet li l-Kunsill jitkellem magħhom jekk ikun hemm il-ħtieġa.

34.3.5.4. L-ASE qal li kien hemm problema oħra tat-tul. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lill-kuntrattur jerġa' jiġi fuq is-sit sabiex jara x'jista' jsir dwar din iż-żona.

34.3.5.5. Fir-rigward tal-kamera ta' Triq l-Argotti, il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni sabiex jara jekk jistax joffri għajnuna fiż-żamma tal-apparat.

34.3.5.6. Issemma wkoll il-bżonn li jsiru kameras fi Triq San Tumas c/w ma' Triq Sant'Anna kif ukoll fi Triq Antonio Agius.

34.3.5.7. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jibda' bil-kamera fi Triq l-Argotti c/w Triq il-Mall ħalli jara kif imur.

34.3.6. Is-Sindku DSH ressqet komunikazzjoni mingħand is-Sur Albert Briffa fejn talab permess sabiex jieħu ħsieb biċċa ġardina li hemm qrib id-dar tiegħu. Wara li ddiskuta l-ħsibijiet tiegħu, il-Kunsill qabel b'mod unanimu bil-kundizzjoni li ma jistgħux jitrabbew annimali u li l-art tibqa' aċċessibbli għall-pubbliku.

34.3.7. Is-Sindku għamlet riferenza għas-sejħa għall-SE u qalet li wara li ġie kkonsultat id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, il-Kunsill kien informat li għalissa ma setgħux jinħarġu sejħiet in viżta tal-istrajk tas-SE li hemm in effett bħalissa.

34.4 Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-Fsobians Club rigward it-Tonna Trophy. Il-Kunsill qabel li l-korrispondenza għandha tiġi ċirkolata sabiex il-Kunsill ikun jista' jippreżenta l-proposti tiegħu.

34.5 Is-Sindku nformat lill-Kunsill rigward il-videos ta' Ġenna ta' Ġonna. Hija qalet li l-produzzjoni kienet lesta u li fil-jiem li ġejjin kienu ser jiġu ċirkolati lill-Kunsilliera qabel jiġu ppublikati online.

34.6 Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn offrew lill-membri eletti biex japplikaw għal Group Life Insurance Policy. Is-Sindku qalet li min hu interessat għandu jkellem lill-amministrazzjoni.

## 34.7 RAPPORTI

34.7.1. Ma kienx hemm rapporti.

## 34.8 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

34.8.1. Il-Kunsillier JAE staqsa dwar it-tankijiet taż-żejt fil-Marsa li milli jista' jifhem se jkunu viċin Spencer Hill. Huwa ppropona li l-Kunsill jitlob Environmental Impact Assessment dwar kif dan ser jaffettwa l-lokalità tal-Floriana għax għalkemm mhux qiegħdin fil-lokalità, xorta waħda kienu biswit. Is-Sindku qalet li kienet qed titkellem mas-Sindku tal-Marsa biex jaraw x'jista' jsir. Hija qalet li għandha tkellem lill-Kunsill appena jkun hemm żviluppi.

34.8.2. Il-Kunsillier JAE qal li kien ġie avviċinat minn residenti fi Ġnien Sir Luigi Preziosi u Ġnien Vilhena li nformawh li ż-żabra tas-siġar kienet waqfet f'nofsha u ma kienitx tkompliet. Is-Sindku qalet li ż-żabra kienet ser titkompla biss il-kuntrattur ikollu xogħol skedat ieħor li jkun irid jattendi għalih.

34.8.3. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li r-Reġjun Xlokk kien ser isellef xi ħaddiema lill-Kunsill biex jgħinu fil-manutenzjoni tal-ġonna in preparazzjoni għax-xhur tas-Sajf. Il-Kunsill innota dan bi gratitudni.

34.8.4. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi aġġornament dwar ix-xogħol li għaddej fi Triq San Tumas u Triq il-Miratur. Is-Sindku nformat li x-xogħol fi Triq San Tumas kellu jiġi konkluż sal-ġimgħa ta' wara u li kienu qed isiru t-testijiet neċessarji qabel jibda' jingħata t-tarmac u jiġi finalizzat ix-xogħol. Is-Sindku qalet li wara kien ser isir l-istess xogħol fi Triq il-Miratur li jkompli sat-trejqiet.

34.8.4.1. Il-Kunsilliera JP staqsiet dwar il-bżonn li jsiru s-sinjali tat-traffiku u l-affarijiet l-oħra neċessarji fi Triq San Tumas. Is-Sindku nformat li dawn isiru minn Infrastructure Malta. Il-Kunsillier JP staqsiet dwar il-biċċa ta' San Tumas fejn kien inħaraq l-ark minħabba li x-xogħol tat-tarmac kien ilu li sar. Is-Sindku

qalet li hemmhekk kien hemm problema iżda kienet qed tiddiskutiha mal-Perit tal-Kunsill biex tara kif jistgħu jipproċedu.

34.8.5. Il-Kunsillier VB staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar l-applikazzjoni biex tiġi restawrata n-niċċa ta' San Publju. Is-Sindku nformat li sa dakinhar kien għad ma kienx hemm risposta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

34.8.6. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienux tqassmu l-kotba tal-ewwel sena primarja. Is-Sindku qalet li wara li tkellmet mas-Surmast, kien hemm qbil li jintbagħtu mal-ħaddiem manwali biex jiġu ċirkolati mill-iskola stess.

## 34.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati

34.9.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 34.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

34.10.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 22/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

34.10.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier VB u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

34.10.2. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda tal-petty cash sabiex tiġi approvata.

34.10.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier VB u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti tal-Petty Cash, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 34.11 Ġnien KG5

34.11.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li x-xogħol fil-ġnien kien lest u għalhekk il-Kunsill seta' jinforma lill-Planning Authority. Hija pproponiet li tiġi ċirkolata email lill-Ministru Ian Borg kif ukoll lill-għaqdiet lokali biex tinżamm konferenza stampa u ssir inawgurazzjoni żgħira ta' dan il-proġett. Il-Kunsill qabel.

34.11.2. Is-Sindku qalet li kien għad fadal biss ix-xogħol fuq il-piċċ sintetiku. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu lix-xogħol fuq il-piċċ ma jsirx qabel ma jispiċċa s-Sajf.

34.11.3. L-ASE informa li kienet inħarġet purchase order lill-kumpanija li ħadmet id-dawl minħabba li kien hemm xi affarijiet li kien hemm bżonn li jiġu inklużi. Il-kameras ser jitwaħħlu appena jitlesta dan ix-xogħol.

## 34.12 **ŻONA TA' TAĦT IL-FORKA**

34.12.1. Is-Sindku qalet li fil-jiem li ġejjin kien ser jibda' x-xogħol biex tiġi rranġata l-islip way.

34.12.2. Is-Sindku pproponiet ukoll li jitpoġġew mobile toilets f'din iż-żona bħalma soltu jsir għax-xhur tas-Sajf. Il-Kunsill qabel.

## 34.13 **ĠIEĦ IL-FLORIANA U PREŻENTAZZJONIJIET OĦRA**

34.13.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li s-sitwazzjoni sa dakinhar kienet għadha waħda fluwida iżda jista' jkun li jkunu jistgħu jiġu organizzati attivitajiet żgħar. Hija pproponiet li jekk sal-laqgħa li jmiss ikun hemm rilaxx tal-miżuri, tittella' attività żgħira bejn l-għaqdiet biex issir il-premjazzjoni ta' Ġieħ il-Floriana. Il-Kunsillier JAE ippropona li l-attività issir f'post apert bħala prekawzjoni. Il-Kunsill qabel.

## 34.14 **TALBA GĦAL CAT CAFES**

34.14.1. Is-Sindku ressqet talba mingħand il-Klabb tal-Boċċi sabiex isiru xi cat cafés. Il-Kunsill qabel li jordna iktar meta terġa' ssir ordni għall-cat cafés.

## 34.15 **UPDATE DWAR IS-SISTEMI TA' CCTV**

34.15.1. Din il-materja ġiet diskussa preċedentement f'materja nru 35.3.5.

## 34.16 **SEJĦA GĦAL SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

34.16.1. Din il-materja ġiet diskussa preċedentement f'materja nru 35.3.7.

## 34.17 **TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

34.17.1. Il-laqgħa intemmet fis-6.10pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 11 ta' Ġunju 2021 fil-5pm.

**Konfermati, illum ___________________________________**

| | |
|---|---|
| (iffirmati) | (iffirmati) |
| Davina Sammut Hili<br>Sindku | Malcolm Agius<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |